*XOGHOL BI SHAB*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 t'April, 2001**

**Kawza Numru: 10**
**Citazzjoni Numru: 795/95/RCP**

**Alfred Borg u Rita Borg**

**vs**

**George Zahra u martu Josephine Zahra**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi bi skrittura tad-9 ta' Settembru 1993 (Dok.A) redatta minn Nutar Pierre Falzon; il-kontendenti kienu ftehmu li jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom dwar xoghol ta'

kostruzzjoni li huma kienu qeghdin jaghmlu bi shab f'diversi nhawi ta' Malta.

Illi l-valur kollu tax-xoghol li sar bi shab mill-kontendenti ammonta ghal Lm12,886 (tnax il-elf tmien mija w sitta w tmenin lira Maltin) u skond artikolu (7) tal-istess skrittura, wara li jitnaqqsu l-ispejjez kollha, il-bilanc li jifdal kellu jinqasam ugwalment bejniethom.

Illi f'din is-shubija il-konvenut kien jinnegozja prezzijiet ma' terzi w l-hlasijiet kienu jsiru lilu biss.

Illi l-attur ircieva minghand il-konvenut is-somma ta' Lm1,400 akkont ta' sehemu mill-qliegh tal-istess shubija w fadallu jiehu minghandu somma bilancjali li trid tigi likwidata.

L-istess atturi talbu li l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tillikwida s-somma bilancjali li fadallu jiehu l-attur minghandu l-konvenut rapprezentanti sehemu mill-qliegh tax-xoghol li sar bi shab mal-konvenut.

(2) tikkundannah ihallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-5 ta' Mejju 1995 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-30 t'Awissu 1995 (fol 12 tal-process), fejn gie eccepit:

Illi in linea preliminari, l-irritwalita ta' l-azzjoni stante li messha giet citata anke l-mara tal-konvenut.

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li mhux minnu li l-konvenut ircieva s-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400) biss u in effetti ircieva hafna aktar tant li l-istess konvenut ghandu jaghti somma konsiderevoli ta' flus li gew iskritti f'cedoli u li llum bilanc sostanzjali gie anke kanonizzat b'sentenza ta' din l-istess Qorti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 13 tal-process;

Rat il-verbali tat-13 ta' Novembru 1995, fejn Dr Debono talab korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens illi mal-attur jizdied l-isem ta' martu "Rita Borg" kif ukoll fid-dikjarazzjoni, fis-sens li wara l-kunjom Borg tizdied il-kelma "et" u l-kelma "attur" tinbidel bil-kelma "atturi" u jsiru l-korrezzjonijiet necessarji minhabba dan it-tibdil.  Il-Qorti laqghet it-talba.  Dr Consuelo Scerri Herrera ghall-konvenut irtirat l-ewwel eccezzjoni tan-nullita` tal-azzjoni.  Il-kawza giet differita ghat-22 ta' Marzu 1996 ghall-provi attrici.

Rat in-nota tal-attur tad-29 ta' Jannar 1996 fejn prezenta affidavit (fol 17 sa 19 tal-process).

Rat il-verbal tat-22 ta' Marzu 1996 Dr Mark Fenech ghall-attur talab korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li jizdiedu l-kliem "u martu Josephine Zahra" kif ukoll fid-dikjarazzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba w ordnat il-korrezzjonijiet mitluba. Dr Scerri Herrera talbet korrezzjoni fin-nota tal-eccezzjonijiet, fis-sens li fl-okkju wara l-kunjom "Borg" tizdied il-kelma "et" u wara l-kunjom "Zahra" tizdied il-kelma "et", kif ukoll fid-dikjarazzjoni wara l-kelma "ta" jizdiedu l-kliem "l-konvenuti u" u l-kelma "li" tigi mahruga 'l barra. Il-Qorti laqghet it-talba w ordnat il-korrezzjonijiet rikjesti. Il-partijiet talbu li jigi nominat Perit Tekniku. Il-Qorti nnominat lill-AIC Joseph Jaccarini bhala Perit Tekniku. Il-kawza giet differita ghall-5 ta' Gunju 1996 ghar-relazzjoni.

Rat il-verbali tal-5 ta' Gunju 1996, tal-4 ta' Novembru 1996, tat-3 ta' Marzu 1997, tas-16 ta' Gunju 1997 u tas-26 ta' Novembru fejn il-kawza giet differita ghall-hlas u konferma tar-rapport.

Rat il-verbali tad-9 ta' Frar 1998 fejn Dr Borg Olivier iddikjara li l-Perit jinsab imhallas u l-kawza giet differita ghall-konferma tar-rapport ghas-27 ta' Frar 1998, u tas-27 ta' Frar 1998.

Rat ir-rapport tal-Perit Jaccarini ipprezentat u mahluf fis-27 ta' Frar 1998 (fol 81 sa 105 tal-process).

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Tekniku, u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 1998 fejn Dr Borg Olivier iddikjara li hemm kawza ohra pendenti fl-ismijiet inversi (Cit Nru 1336/95/AJM),  Dr Camilleri qabel illi l-meritu ta' din il-kawza jista' jincidi fuq dak odjern.  Dr Borg Olivier talab li din il-kawza tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra li waslet ghad-decizjoni.  Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghall-1 ta' Frar 1999.

Rat il-verbali tal-1 ta' Frar 1999, tat-13 t'Ottubru 1999, tal-24 ta' Novembru 1999, tal-5 ta' Mejju 2000, tas-6 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta u tal-15 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Alfred Borg tat-30 ta' Novembru 2000 u d-digriet tal-Qorti tal-1 ta' Dicembru 2000 fejn ordnat lir-rikorrenti jiddikjara permezz ta' nota xi provi fadallu, u biex jinstemghu f'din il-kawza, liema nota ghandha tigi prezentata mhux aktar tard minn 7 t'ijiem mid-data ta' dan id-digriet.

Rat in-nota tal-attur tal-5 ta' Dicembru 2000 u d-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-17 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar 2001 fejn il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi.  Dr David Camilleri talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet.  L-attur ta'

ruhu b'notifikat bir-riappuntament tal-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta' 30 jum biex jipprezentaw nota t'osservazzjonijiet bin-notifika/visto lid-difensur tal-kontro-parti li kellu 30 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 t'April 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur qed jaghmel din il-kawza stante li qed isostni li permezz ta' skrittura privata tad-9 ta' Settembru 1993 redatta min-Nutar Pierre Falzon huma ftehmu li jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni u xoghol ancillari iehor bi shab u dan verso l-kundizzjonijiet hemm stipulati u fosthom dik specifikata fl-artikolu (7) ta' l-istess skrittura illi: "*mill-pagamenti li jsiru jitnaqqas 15% skond il-paragrafu (2) ta' dan il-ftehim, jitnaqqsu l-ispejjez u l-hsarat skond il-klawsola (4) imbaghad il-bilanc li jifdal jinqasam nofs bin-nofs bejn l-imsemmija George Zahra u Alfred Borg*".

Illi l-istess attur sostna li l-valur tax-xoghol bi shab li sar bejniethom kien jammonta ghall-tnax il-elf, tmien mija u sitta u tmenin Lira Maltin (Lm12,886) u allura wara li jitnaqsu l-ammonti kollha u l-ispejjez specifikati fl-artikolu (7) ta' l-istess skrittura fuq indikat il-bilanc li jifdal kellu jinqasam bejniethom u li minn tali ammont dovut lilu huwa thallas biss is-somma ta' Lm1400 u ghalhekk talab li tigi

likwidata s-somma bilancjali li kien ghad baqghalu jiehu mix-xoghol li sar bi shab mal-konvenut u l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma hekk likwidata.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut George Zahra sostna li m'ghandu jaghti xejn lill-attur stante li ghadda lill-atur hafna aktar minn sehmu b'mod li meta jsiru il-kontijiet relattivi ghandu jirrizulta li l-attur huwa debitur tal-konvenut u mhux vice versa.

Illi din il-Qorti rat ir-relazzjoni peritali tal-Perit Joseph Jaccarini li wara li ezamina x-xhieda kollha u d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet ikkonkluda s-segwenti, li din il-Qorti wara li vverifikat l-istess dokumenti u xhieda tal-kontendenti taqbel maghhom.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-ammont certifikat ta' xoghol kien jammonta ghall-Lm12,886.28, li minnhom iridu jitnaqqsu t-tnaqqis ta' 15% indikati fit-tieni artikolu ta' l-iskrittura tad-9 ta' Settembru 1993 li jammonta ghall-Lm1,933.03, apparti l-ammont ta' Lm128.36 rappresentanti dritt dovut lill-Perit (Dok GZ3), kiri ta' gaffa fl-ammont ta' Lm50 (Dok GZ4), xiri ta' konkos fl-ammont ta' Lm853 (Dok GZ5), xiri ta' gebel fl-ammont ta' Lm630.50 (Dok GZ6), xiri ta' materjal fl-ammont ta' Lm1,192.05 (Dok GZ7 sa Dok GZ11 – ikkalkolati skond paragrafu 3.1.7 tar-relazzjoni peritali a fol 91 tal-process) u pagi mhallsa fl-ammont ta' Lm1,784 u Lm1032 rispettivament ghal total ta' Lm2816 (Dok GZ12 u GZ13), b'dan ghalhekk li wara li jitnaqsu l-ispejjez l-ammont totali tal-profitt kien ta' hamest' elef, mitejn u tlieta u tmenin Lira Maltin u erba' w erbghin centezmu

(Lm5,283.44) li skond il-paragrafu (7) ta' l-istess skrittura privata tad-9 ta' Settembru 1993, iwasslu ghall-sehem ta' kull parti ta' elfejn, sitt mija u wiehed u erbghin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm2,641.72).

Illi minn dan jirrizulta l-kuntegg segwenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ammont certifikat tax-xoghol | | | 12,886.88 |
| Tnaqqis ta' 15% (ftehim) | | 1,933.03 | |
| Dritt professjonali | "GZ3" | 128.86 | |
| Kiri ta' gaffa | "GZ4" | 50.00 | |
| Xiri ta' konkos | "GZ5" | 853.00 | |
| Xiri ta' gebla | "GZ6" | 630.50 | |
| Xiri ta' materjal | "GZ9 –11" | 1,192.05 | |
| Pagi mhallsa | "GZ12" | 1,984.00 | |
| Pagi mhallsa | "GZ12" | 1,032.00 | |
| | Total | 9,603.44 | |
| | Profit | | 5,283.44 |
| | Sehem kull parti | | 2,641.92 |

Illi jirrizulta wkoll li l-attur thallas is-segwenti ammonti minghand il-konvenut:

| | | |
|---|---|---|
| 02-09-93 | Dok GZ1 – 2 | 500.00 |
| 02-10-93 | " | 800.00 |
| 13-12-93 | " | 130.00 |
| 24-12-93 | " | 100.00 |
| Total mhallas | | 1,530.00 |
| Bilanc li ghandu jiehu l-attur | | 1,111.92 |

Illi apparti minn dan jirrizulta wkoll li l-attur xtara vann tal-valur ta' Lm3400 li fuqu u vann iehor mixtri mill-konvenut saru fuqhom l-ammont ta' Lm374.05 spejjez (Doks AB89 sa AB92) u li ghalhekk minn dan jirrizulta li fuq il-vann ta' l-attur saru spejjez ta' Lm187.03 u tenut kont tal-fatt li dan l-ammont tal-prezz tal-vann u l-ispejjez inkorsi gew mahruga mill-konvenut jirrizulta li dan hareg b'kollox l-ammont ta' Lm3587.03 li minnhom il-konvenut hallas lura Lm1100 li jhalli bilanc favur il-konvenut ta' Lm2487.03 u dan ukoll kif jirrizulta minn paragrafu 4.5 tar-rapport peritali a fol 96 tal-process.

Illi dan iffisser li ghalkemm l-attur kellu jiehu l-ammont ta' elf, mija u hdax-il lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,111.72) minghand il-konvenut bhala sehmu mix-xoghol ta' kostruzzjoni bi shab li l-kontendenti ghamlu flimkien abbazi ta' l-iskrittura tad-9 ta' Settembru 1993, minhabba l-fatt li l-istess konvenut ghadda lill-attur l-ammont ta' elfejn, erbgha mija u sebgha u tmenin lira Maltija u tlett centezmi (Lm2,487.03) in konnessjoni max-xiri tal-van (Dok. "GZ14") fuq indikat, (apparti ammonti ohra effettivament rifuzi mill-attur lill-konvenut), dan ifisser li jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-ammont li ghandu jiehu l-konvenut minghand l-attur u minnu tnaqqas l-ammont li ghandu jiehu l-attur minghand il-konvenut (Lm2,487.03 – Lm1,111.72) dan ifisser li huwa l-konvenut li ghandu bilanc favur tieghu dovut mill-attur ta' elf, tlett mija u hamsa u sebghin lira, u wiehed u tlettin centezmu (Lm1,375.31) u ghalhekk prevja l-addozzjoni minn din il-Qorti tar-relazzjoni peritali, it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut ghandhom jigu michuda.

Illi fl-ahharnett jigi rilevat li wara l-presentata tal-istess relazzjoni l-attur kellu l-opportunita' li anke jippresenta nota tal-osservazzjonijiet u dan b'digriet ta' din l-Qorti datat 17 ta' Jannar 2001, izda ma jirrizultax mill-atti proceswali li dan sar.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-istess atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' April, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**26 ta' April, 2001**